**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 428 / 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs**
**Karak Mohajed**

Illum 8 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Karak Mojahed, ta' sbatax-il (17) sena, ta' nazzjonalità Eritrejana, iben Karak u Miriam, imwieled Om Hajjar Gashberka - Eritrea, fit-8 ta' Gunju 2005, prezentement bla indirizz fiss u detentur tan-Numru tal-Pulizija 21E-016, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fil-15 ta' Novembru, 2021, u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta ' qabel din id-data gewwa dawn il-Gżejjer:

1. Kellu fidu Passaport mahrug minn Awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxa dan il-Passaport lil persuna ohra jew ircieva passaport li gie ittrasferit lilu minn persuna ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli matul l-istess zmien ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, cioè dak diġà imsemmi, dan bi ksur ta ' l Artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli matul 1-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjali Principali ta' l Immigrazzjoni u dan bi ksur ta ' l-Artikolu 32 (1) (c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport li hu kien gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil hin u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokumenti ohra ffalsifikati, dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Minghajr awtorità legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l Immigrazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32 (1) (f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f' kaz ta' htija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta ' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Kap. 6 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 31 37 (2) u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 32 (1) (c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32 (1) (f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tenniet li sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet

dedotti fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-perijodu ta' sena (1) prigunerija effettiva.

Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni avvanzata ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Karak Mojahed minnhu pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn astjeniet li tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni avvanzata ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lil l-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Rat illi l-aggravi huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi fl-ewwel lok, l-appellant umilment jirrileva li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-fatt li l-appellant huwa minorenni, il-piena inflitta fuqhu kienet wahda eccessiva. Ghalhekk fid-dawl ta' dak li ser jigi sottopost, l-esponenti umilment jissottometti li fil-kaz odjern, setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta.

Illi dan qieghed jinghad stante li jirrizulta ampjament car li l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, ikkopera ma' l-awtoritajiet investigattivi, u ma heliex hin prezzjuz tal-Qorti. Di piu, jirrizulta wkoll li prattikament a tempo vergine, u dan qieghed jinghad b' referenza ghal l-istqarrija ta' l-appellant, l-appellant ikkopera u ta d-dettalji rilevanti tal-kaz lil ufficiale investigattiv.

L-appellant umilment jaghmel referenza ghas-segwenti sentenzi li ttrattaw imputazzjonijiet simili ghal kaz odjern, fejn il-pieni li giet inflitta kienet ta' sitt (6) xhur, fit-tlett kawzi citati.

- The Police vs Yonas Fitwi Kahasay (27/08/2021) Mag. Dott Claire Stafrace Zammit,

- The Police vs Stephen Nkenj (26/09/2020) Mag. Dott. Joseph Mifsud, u

- Il-Pulizija vs Aman Yasr Zeidan (08/08/2021) Mag. Dott. Doreen Clarke

Di più, jigi rilevat li fil-kaz odjern, l-appellant huwa minorenni u ghalhekk temperament tal-piena huwa idoneju.

L-appellant umilment jirrileva li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta li attwalment l-esponenti jinsab fiha.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2022.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-appell hu limitat ghar-rigward tal-piena inflitta mill-ewwel Qorti wara li l-istess appellant kien irregistra ammissjoni nhar is-16 ta' Novembru 2021 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr. Martha Mifsud.[1] Dak in-nhar, l-ewwel Qorti tat zmien lill-appellant biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u l-appellant rega' tenna l-ammissjoni ta' htija ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi ghalhekk dan l-appell huwa limitat ghal piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi dik il-piena kif kominata mhix wahda idonea ghac-cirkostanzi

[1] Fol. 5 tal-process

partikolari ta' dan il-kaz. Ghalhekk dan huwa appell iffukat fuq il-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellanti wara li kienet registrata ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha ammessi mill-istess appellanti.

F'appelli ta' dan il-generu, il-gurisprudenza Maltija hija cara daqs il-kristal.

Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Mohamad Hamed Mohamad**[2] li ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** [3]fejn intqal is-segwenti :

> *Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eccessiva jew le. M'huwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

Issa kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tarquin Vella**[4], il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija ppernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

(a) Retributtiv;

(b) Preventiv; u

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru, 2021.

[3] 2 Deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003.

[4] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Settembru, 2020

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

Fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Gilbert Bezzina,**[5] din il-Qorti enfasizzat is-segwenti:

> *'L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*
> *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att hkriminuż. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali.*
> *L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu*
> *personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerga jahsibha sew qabel ma jagħzel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita talpiena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill-kollettivita milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall- kollettivita' li*

[5] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-16 ta' Ottubru, 2020

*tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika talistess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn irrijabilitazzjoni tal-hati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien filmument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Izda aktar minn hekk il-hati ghandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan ilperkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b'mod li ghalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imħeggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu, jkollu biex jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.'*

Il-gurisprudenza prevalenti tghallem li meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati. F'dan is-sens, kemm il-

gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-eżercizzju ta' revizjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** [6]:

> *"It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
> *The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."*
> *Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the*

[6] Deciza mill-Qorti Kriminali (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Awwissu, 2005.

*Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

Din hija ukoll il-posizzjoni li qed tittiehed konsistentement minn din il-Qorti kemm fil-kompetenza taghha Superjuri kif ukoll Inferjuri. (Ara wkoll **'Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**[7]')

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dailin Bennetti**[8], din il-Qorti qalet hekk:

*'Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qeghdateroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieġ li l-appellant juri li l-piena moghtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet tohroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli ghall-kaz. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, ghalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox għal xi Ġudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t' Ottubru, 2019
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Settembru, 2020

Bhala qorti ta' revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda ezagerata u hekk kif rifless fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci.**[9]

Kif ġie ritenut fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**:[10]

> *"Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard**)"*

**Din il-Qorti taghmilha cara illi wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata**.[11]

Il-gurisprudenza ewlenija f'dan il-kuntest, tghallimna illi meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz. F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-ezerċizzju ta' reviżjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreg appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis **ic-cirkostanzi kollha** [12]prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet

[9] Deciza nhar is-26 ta' Marzu, 2009 (Ara ukoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999], "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn)
[10] Deciza mill- Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Frar, 2009
[11] Enfasi ta' din il-Qorti
[12] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti

kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibbilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat:**

F'dan il-kaz l-appellant irregistra ammisjoni fil-prezentata u ghalhekk iddikjara lilu innfsu hati ghall-akkuzi migjuba kontrih li jinkludu l-falsifikazzjoni u/jew l-uzu ta' passaport iffalsifikat. L-aggravju taghhom huwa wiehed u cioe' li l-piena errogata fil-konfront tieghu hija wahda eccessiva u dan stante l-fatt illi huwa ghadu minuri. Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-appellant twieled fit-8 ta' Gunju 2005 u ghalhekk meta kkommetta r-reati ammessi minnu kellu biss sittax-il sena, u ghalhekk f'ghajnejn il-ligi kien ghadu minorenni.

Ghal din ir-raguni, l-Ewwel Qorti kellha tassattivament tirriduci l-piena kontrihom bi grad jew bi tnejn u dan kif jistipula **Artikolu 37(2)** tal-Kodici Kriminali li jghid:

> *"Fejn l-att jew nuqqas magħmul minn minuri minn erbatax-il sena sa sittax-il sena jsir b'ħażen u fil-każ ta' minuri minn sittax-il sena sa tmintax-il sena, il-piena applikabbli għal reat għandha titnaqqas bi grad jew tnejn."*

Dan infatti sar f'diversi sentenzi simili, fejn l-Ewwel Qorti naqqset il-piena fil-konfront ta' minuri bi grad jew bi tnejn. (Ara fost ohrajn L**-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni vs Asim Anur; Mohamed Abubaker Abubaker**[13] u **Il-Pulizija vs Ibrahime Chariy; Foufane Moussa**[14] u **Il-Pulizija (Spettur Christian Abela) vs Firas Ale (21M-009) Muhamed Teqer (21M-012)**[15] **ommisses**

**Ikkunsidrat:**

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Gunju, 2020

[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-16 ta' Marzu, 2021

[15] Deciza mill-Qorti al-Appelli Kriminalli nahr il-22 ta' Dicembru 2021

Din il-Qorti rrizultalha f'dawn il-proceduri illi l-appellant huwa minuri li dahal Malta mhux akkumpanjat mill-genituri tieghu jew minn xi hadd li legalment hu responsabbli ghalihom. Jirrizulta skond l-istqarrija rilaxxjata minnu esebita fl-atti a fol. 8 li fil-fatt il-familja tieghu gew maqtula gewwa l-Eritrea u kien ghalhekk li ddecieda li jirkeb dghajsa mill-Libja nhar il-11 ta' Mejju 2021 bil-hsieb li jmur lejn l-Italja.

Artiklu 2 (l) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija tiddifenixxi minuri mhux akkumpanjat bhala:

> *"minuri li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjat minn adult responsabbli għalih jew/għaliha sew jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u sakemm hu mhuwiex jew/hi mhijiex effettivament fil-kura ta' persuna bħal din; għandha tinkludi minuri li jitħalla mhux akkompanjat wara li hu/hi jkun daħal/tkun daħlet fit-territorju tal-Istati Membri;"*

Il-Guidelines on Policies and Procedures in dealing with Unaccompanied Children Seeking Asylum jghidu hekk dwar minuri mhux akkumpanjati f'dawn ic-cirkostanzi:

> *'unaccompanied children have often had little or no choice in the decisions that have led to their predicament and vulnerability.'*

Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fl-ismijiet **Abdullahi Elmi and Aweys Abubakar v. Malta**[16] qalet is-segwenti:

> *"113. The Court observes that in the applicants' case the aforementioned conditions persisted for a period of around eight months, during which no specific arrangements were made for the applicants as migrants awaiting*

[16] App no. 25794/13 and 28151/13 deciza nhar 22 ta' Frar, 2017

*the outcome of their age-assessment procedure (whose status as minors was later confirmed).* ***The Court reiterates that the applicants, as asylum-seekers, were particularly vulnerable because of everything they had been through during their migration and the traumatic experiences they were likely to have endured previously (see M.S.S., cited above, § 232). Moreover, in the present case the applicants, who were sixteen and seventeen years of age respectively, were even more vulnerable than any other adult asylum seeker detained at the time because of their age (see, a contrario, Mahamed Jama, cited above, § 100).″***

Din il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni dawn il-punti meta tigi biex tikkunsidra l-piena li hija ghandha taghti lill-appellant u dan stante l-vulnerabbilta' tieghu kif gie ndikat supra. Oltre minn hekk, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rabia Yavuz u Muzekka Deneri** [17]fejn meta rriformat is-sentenza, il-Qorti, hadet in konsiderazzjoni il-minuri dipendenti fuq l-ommijiet. Fil-kaz odjern, din il-Qorti ghandha tifel minuri quddiemha, li minkejja li suppost ghadu dipendenti huwa fuq il-genituri tieghu, huwa rinfaccat b'dawn il-proceduri. Din il-Qorti tishaq ghalhekk illi ghandha tinghata konsiderazzjoni illi l-appellant huwa minuri u esperjenza karcerarja ma ssarraf ghal xejn hlief trawma li taffetwalu hajjitu.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, din il-Qorti kkunsidrat illi minuri f'dawn is-sitwazzjonijiet huma aktar vulnerabbli u suxxettibbli ghal traffikar u sfruttament u ghalhekk in vista dak kollu sucitat u in vista l-fedina netta tieghu kif ukoll li kkoperaw mal-pulizija, qeghda tiddeciedi li tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha l-appellant nstab hati tal-imputazzjonijiet dedotta kontra tieghu u tibdilha billi thassarha f'dik il-parti li biha kien ikkundannat ghal terminu ta' sena prigunerija u minflok, wara li rat il-fedina penali tieghu u tenut kont li huwa minuri, b'applikazzjoni tal-artikolu fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 t' Awwissu, 2021.

Malta, qed tqiegħed lill-appellanti taħt Ordni ta' Probation għall-perjodu ta' sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar l-obbligi tiegħu naxxenti minn din is-sentenza kwantu l-Ordni ta' Probation u ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur Servizzi tal-Probation.

(ft) Dr. Consuelo Scerri Herrera
Imħallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

**Qorti tal-Appelli Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Imhallef**

Il-Pulizija

Spettur Christian Abela

Vs

Karak Mojahed

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum 8 ta' Frar 2022**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata Karak Mojahed ta' 16 il-sena, Nazzjonalita Eritrejana, iben Karak u Miriam, imwieled Om Hajja Gashberka nhar it-08 ta Gunju 2005 u prezentament bla indirizz fiss u detentur ta' Numru tal Pulizija 21E-016 tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sena (1)sena mill-lum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

Tordna lil persuna imputata jitqiegħed taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' sena (1) mill-lum taħt dawn il-ħtiġijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata għandu jġib ruħu tajjeb, jgħaddi ħajja ta' bżulija u joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluż kull direttivi li l-Probation Officer jħossu li jkunu neċessarji sabiex ma jiffrekwentax ċertu postijiet u/jew ċerti nies;

2. Illi l-persuna mputata għandha tibqa' żżomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jagħtiha minn żmien għal żmien u partikolarment hija għandha, jekk il-Probation Officer jkun irid hekk, tirċievi żjarat fil-post fejn ser tmur tirrisjedi;

3. Illi l-persuna mputata għandha minnufih tgħarraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xogħol tagħha;

4. Illi l-persuna mputata għandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgħa xhur fid-data w il-ħin li jiġu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imġieba tal-persuna minuri mputata;

5. Li l-persuna imputata għandha minnufih tinforma l-uffiċċju tal-probabtion bl-indirizz fejn ser tkun qed tirrisjedi u

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services.

……………………………..

Consuelo Scerri Herrera LL D

Imħallef

……………………………. ………………………………..

Karak Mojahed

………………………….

Nadia Ciappara

Deputat Registratur